Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 597/07 AE

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Carant Limited skond il-liġi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim C066624) u Carant Limited**

**vs**

**Cassar & Cooper (S&I) Limited (C424) u Carmelo Caruana Co. Limited (C 9616) f'isimhom proprju u bħal armatur u fornitur tal-vapur CMACGM Bellini u in rappresentanza tal-istess**

L-Erbgħa, 25 ta' Mejju 2016.

L-atturi talbu lit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar jikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti ghar-rimbors ta' sitt mija, erbgħa u għoxrin Lira Maltija u ħamsa u tmenin ċenteżmu (LM624.85c), danni konsistenti f'merkanzija nieqsa minn konsenja ta' 131 *units* ta' ħwejjeg li kellhom jaslu Malta minn Barcelona fil-25 ta' Lulju 2006 abbord il-vapur CMA CGM Bellini. Is-soċjeta' attrici assikuratrici hallset lis-soċjeta' l-ohra LM624.85c meta s-soċjeta' magħha assikurata (Carant Ltd) sofriet LM100 danni bħala excess.

Is-soċjeta` Cassar & Cooper (S&I) Ltd wieġbet li t-talbiet kontriha ghandhom jigu michuda billi:-

i. Ma ġietx inkarigata bit-trasport in kwistjoni iżda l-konsenja ġiet *routed* Malta fuq bażi *freight collect* mill-ispeditur tal-merkanzija u din twasslet fil-post tas-soċjeta' eċċipjenti biex tinġabar mis-soċjeta' konvenuta jew rappreżentanti tagħha kif jirrizulta mill-polza tal-karigu immarkata bhala Dok CC1;

ii. Is-soċjeta' eċċipjenti la għandha u lanqas kellha rabta kontrattwali mal-assigurata tas-soċjeta' attriċi fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija in kwistjoni;

iii. Il-merkanzija in kwistjoni ma ġietx nieqsa waqt li din kienet taħt ir-responsabilita' tas-soċjeta' konvenuta u ġiet rilaxxata mill-istess soċjeta' eċċipjenti fl-istess stat u kundizzjoni li din irċevietha;

iv. Is-soċjeta' eċċipjenti ma kellha ebda tort jew ħtija fir-rigward tan-nuqqasijiet reklamati u għalhekk ma jista' jkollha ebda responsabbilta';

Carmelo Caruana Co. Ltd wieġbet li:-

i. m'għandha ebda relazzjoni guridika mal-attrici u/jew l-assigurat taghha Caruana Limited rigwardanti d-danni allegatament subiti.

ii. Carmelo Caruana Co Ltd f'isimha proprio u bhala armaturi u fornituri tal-vapur CMA CGM Bellini esegwiet l-obbligi taghha skond is-sengha u l-arti.

iii. kwalunkwe danni u l-valur tal-istess danni ghandhom jigu ppruvati.

Permezz ta' sentenza tat-2 ta' Novembru 2012 it-Tribunal għal Talbiet Żgħar iddeċieda illi:

(1) jiċhad l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta' Cassar & Cooper (S&I) Limited.

(2) jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna lis-soċjeta' Cassar & Cooper (S&I Ltd) li tħallas, in linea ta' danni il-quantum ta' sitt mija, erbgħa u għoxrin lira, ħamsa u tmenin centeżmi (LM624.85) issa elf, erba' mija ħamsa u hamsin Ewro u hamsin centezmi (€1,455.50c) lis-socjeta' assikuratriċi GasanMamo Insurance Limited u il-quantum ta' mitt lira (LM100) issa mitejn, tnejn u tlettin Ewro tlieta u disghin centezmi (€232.93c) lis-soċjeta' Carant Ltd

(3) jilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mis-soċjeta' Carmelo Caruana Co Ltd pro et noe u jillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudiżżju

(4) jikkundanna lis-soċjeta' Cassar & Cooper (S&I Ltd) tħallas l-imgħax, fuq iż-żewg ammonti, mill-24 ta' Lulju 2007 sal-jum tal-pagament effettiv u finalment (5) jikkundanna lis-socjeta' Cassar & Cooper (S&I Ltd) tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

It-Tribunal irraġuna li:-

*"Cassar & Cooper qed jippruvaw jeħilsu minn kull responsabilta' billi jgħidu li huma ma tqabbdux minn Carant Ltd. Fil-fatt irriżulta li kienet is-socjeta' Spanjola speditriċi li bagħtet il-merkanzija u dan għamlitu permezz ta' Cassar & Cooper li kienet hi li aċċettat ghandha l-merkanzija fil-Bond Store taghha f'Hal Far u kienet hi li tħallset tal-freight u charges oħra mingħand Carant. Di piu' meta ntbagħtet il-merkanzija l-istess Cassar & Cooper kienu agenti tal-kumpanija speditrici Spanjola. Għalhekk hi l-fehma tat-Tribunal li s-socjeta' Cassar & Cooper li għandha twieġeb ghan-nuqqas u ghad-danni mġarrba mill-atturi.*

*"Da parti tas-socjeta' Carmelo Caruana Co Ltd pro et noe ma jirrizultax li kien hemm xi sehem fir-responsabilta' ghan-nuqqas imsemmi."*

Is-sustanza tal-aggravju tal-appellanti hi:

1. ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u s-soċjeta` rikorrenti.
2. għalkemm kienet aġent ta' AGC, dan ir-rwol ma kienx jinkludi *shipping* bejn Barcelona u Malta imma biss li taħżen il-merkanzija f'Malta sakemm tinġabar mill-*consignee.*
3. lil hinn minn kull vinkolu kuntrattwali, hija mhix responsabbli għall-ħsara billi għaddiet il-merkanzija fl-istess kundizzjoni li rċevietha minn barra.
4. fi kwalunkwe każ ir-responsabilita` tagħha hi limitata skont il-Kap 486.

Fir-risposta l-atturi qalu:

1. ma jistax jingħad li m'hemmx relazzjoni ġuridika meta l-appellanti ħarġet in-*notice of arrival*, irċiviet il-*freight charges* u żammet il-merkanzija fil-kustodja tagħha.
2. minn imkien ma jirriżulta li rċiviet il-ħlas għan-nom ta' terzi u għalhekk fit-tielet fażi tal-ġarr tal-merkanzija aġixxiet f'isimha proprju.
3. jirriżulta ċar li l-għibien tal-merkanzija seħħ waqt li l-merkanzija kienet fil-kustodja tal-appellanti. Il-polza turi li l-merkanzija tpoġġiet *clean on board*. Min-naħa l-oħra l-appellanti ma ġiebet l-ebda prova li l-merkanzija waslet għandha bin-nieqes. Il-merkanzija kellha s-siġill numru 008193. Għal xi raġuni l-merkanzija damet sebat ijiem qabel inħattet u meta sar dan, skond l-*unloading report* is-siġill kien għadu intatt meta l-*container* wasal għand l-appellanti. Dan ir-rapport fih ħafna nuqqasijiet. Jgħid li sar fil-preżenza ta' "*one customs officer and three officers from the enforcement and fraud squad*", iżda ma jagħtix l-ismijiet tal-persuni u m'hu ffirmat minn ħadd.
4. ma tqajjmet l-ebda eċċezzjoni ta' limitazzjoni ta' responsabilita skond Kap 486 (CMR Convention) fil-Prim'istanza u għalhekk ma tistax titqanqal f'dan l-istadju. Fi kwalunkwe każ din ma tapplikax għax kien hemm *gross negligence* jew *wilful misconduct*.

Carmelo Caruana Co. Limited wieġbet li:

1. Ma kellha l-ebda involviment fil-konsenja. Ma tiffigurax fil-polza tal-karigu. La kienet *shipper,* la kienet *carrier* u lanqas *consignee*. Ma kellha l-ebda record u ebda nformazzjoni dwar il-merċa jew id-danni subiti. Fatti dawn mhux ikkontestati. Tiċħad dak allegat mill-appellanti li l-merkanzija kellha tinġabar minn Carmelo Caruana Co. Ltd. Fil-fatt il-polza ma tgħidx hekk. Il-merkanzija tgħabbiet u nħattet mill-vapur bl-istess sigill numru 008193. M'hemm l-ebda rimarka fl-*unloading report* li s-siġill ma kienx intatt. Skond il-ġurisprudenza Maltija, dik Ingliża li hija s-sors tal-liġi tagħna in materja, u r-regoli internazzjonali stabbiliti inkorporati fil-liġi tagħna, meta merċa tiġi nieqsa waqt konsenja r-responsabilita` tinkombi fuq il-*carrier*, sakemm dan ma jġibx prova suffiċjenti li mexa b'diliġenza. Il-*carrier* kienet A.G.C. International S.A. u l-appellanti kienet fil-perjodu in kwistjoni l-aġent tagħha f'Malta. Pero` hemm indizji li jindikaw lis-soċjeta` appellanti bħala *carrier* fosthom id-*deconsolidation*

*manifest* (fol 65 l-aħħar parti) fejn rigward il-merċa in kwistjoni l-*carrier* huwa indikat bħala Cassar & Cooper (S&I) Ltd – ħaġa li mhix l-istess għall-oġġetti l-oħrajn li jiffurmaw parti mill-istess *groupage*.

2. Oltre fil-kapaċita` tagħha t'aġent tas-soċjeta` estera, hemm provi oħra li jwasslu għar-responsabilita` tal-apellanti meta aġixxiet ta' kustodju tax-xogħol, id-dewmien biex il-merċa ġiet rilaxxjata.

3. Prova dwar fejn u meta nkiser is-siġill ma saritx. Il-burdnara tar-riċevitur li ġabru l-merċe m'assistewx għall-ftuħ tal-merċe. Minħabba dan in-nuqqas l-appellanti ma resqitx prova li l-merċe waslet għandha fl-istat li fih saret il-kunsinna lir-riċevitur. Ma ġabet ebda prova li aġixxiet b'diliġenza jew li l-merċe ma ġietx nieqsa waqt li kienet fil-kustodja tagħha.

Fil-qosor il-fatti li taw lok għal din il-kawża huma:-

(i) il-merkanzija ġiet *routed* Malta fuq bażi ta' *freight collect* mill-ispeditur tal-merkanzija Punto FA SL.

(ii) Fil-25 ta' Lulju 2006, il-merkanzija waslet Malta minn Barċelona fuq il-bastiment CMA CGM Bellini u ddaħħlet fil-bonds ta' Cassar & Cooper. Il-merkanzija kienet f'*groupage container*.

(iii) il-container inħatt fl-1 t'Awwissu 2006 minn Cassar & Cooper. Fl-*unloading report* ġiet irrappurtata l-merkanzija nieqsa; *"Aħna sibna ħsara fis-sens illi sibna kaxxi magħluqin li pero` kienu jindikaw li kienu mbagħbsin imbagħad naturalment il-ħsara sibniha wara."* (Alex Spiteri, *bond operator* ma' Cassar & Cooper, fol 56). Fl-*unloading report* (fol 51), iffirmat mill-istess Alex Spiteri waħdu, hemm notament: *"N.B.This container was unloaded together with 1 customs officer and 3 officers from the enforcement & fraud squad"*. In kontro-ezami (fol 74) qal li ma kienx jaf min kienu l-uffiċjali tad-Dwana li rawhom iħottu l-merkanzija; *"jarawna nħottu imma ma jieħdu l-ebda notamenti… xogħolhom… kien sempliċiment li jissorveljaw li ġie unloaded ix-xoghol"* (fol 74). Il-container kellu merkanzija mħallta, parti minnha *free circulation* u parti oħra ma kinitx (Joseph Gatt, Spettur tad-Dwana, fol 70-71). John Galea Cavallazzi, uffiċċjal tad-Dwana inkarigat mill-*groupage bonds* jgħid li hu ma kienx stazzjonat fejn sar il-ħatt għalkemm ma jeskludix li seta' kien hemm xi ħadd jimmonitorja.

(vi) fit-3 t'Awwissu 2006 Cassar & Cooper S&I Limited bagħtet in-*notice of arrival* lil Carant Limited biex din tħallas freight charges, *port u handling charges* li fil-fatt ġew imħallsa.

Skont Vincent Micallef (fol 92) *shipping manager* ta' Cassar & Cooper, din il-kumpannija ma ġietx inkarigata bil-ġarr tal-merkanzija u lanqas kienet l-aġent

tat-trasportatur. Skond dan ix-xhud il-konsenja kienet mibgħuta Malta mill-ispeditur Punto FA SL fuq struzzjonijiet tar-riċevitur Carant Trading Limited. Riprodott, Micallef tenna li *"aħna ħadnieħ fil-warehouse tagħna fl-1 t'Awwissu."* Appena fetħuħ, *"aħna immedjatament infurmajna lill-consignee u cioe` Carant Ltd u baghatna n-notice of arrival tax-xogħol li daħal fl-1 t'Awwissu".* Il-merkanzija ġiet konsenjata fit-3 t'Awwissu (fol 113). Ma kellhom l-ebda kuntratt ma' Carant. *"Fil-fatt kien is-supplier li qabbad lil AGC mingħajr ma aħna nkunu nafu, biex jibgħat xogħol Malta u għalkemm il-frieght tħallset hawn Malta aħna ġejna nfurmati biex niġbru l-freight on their behalf"* (fol 113). *"Is-siġill ta' barra jagħmluh l-AGC u allura għandi nifhem illi l-loading tal-istess container jieħdu ħsiebu l-AGC u dak iż-żmien, aħna konna aġenti tal-AGC."* (fol. 115).

Skont Marthese Gatt, li kienet impjegata ta' Carant Trading Limited, l-inkarigu tat-trasport ingħata minn Spanja. Ġiet infurmata bin-nuqqas tramite l-burdnar tagħha li ġabar ix-xogħol mingħand Cassar & Cooper.

**Konsiderazzjoni**.

Huwa minnu dak li jaffermaw l-appellanti li kienet l-appellanti li ħarġet in-*notice of arrival*, irċiviet il-*freight charges* għall-ġarr tal-merkanzija minn Spanja sa Malta, żammet il-merkanzija fl-imħażen tagħha, u kkunsinjathom lil Carant Limited. Min-naha l-ohra l-*Bill of Lading* hu prova tal-kuntratt tal-ġarr. Fil-*bill of lading* hemm dikjarat li l-merkanzija kellha tinġabar mill-*consignee* Carant Limited mingħand Cassar & Cooper Ltd. M'hemmx dubju li l-appellanti ma kinitx il-*carrier* u wisq inqas ma hadet hsieb li l-merkanzija tintbaghat lejn Malta. L-appellanti kienet biss il-kumpannija li għandha ntbagħtet il-merkanzija sabiex eventwalment tinġabar mill-burdnar tal-*consignee* (l-attriċi). Merkanżija li kienet magħluqa f'container issiġġillat, u m'hemm l-ebda ndiżju ta' tbagħbis fis-siġill.

Mill-provi rriżulta li:-

i. F'Malta l-container ittieħed fil-*bonded store* tas-soċjeta appellanti. Il-container wasal Malta fil-25 ta' Lulju 2006.
ii. Fl-1 ta' Awissu 2006 l-appellanti ghamlet *Unloading Report* (fol. 51) fejn iddikjarat: *"B/L 06 Carant 394 CTNS: Rec as 2 Plts & Several Loose Cartons to be recounted during release: Please note that Several Cartons were Retaped with different Type of Tape."* Mid-deposizzjoni ta' Alex Spiteri, uffiċjal responsabbli mill-bond tal-appellanti, il-qorti fehemet li fl-1 ta' Awissu 2006 infetaħ il-container u nħattet il-merkanżija. Il-fatt li meta nħattet il-merkanżija mill-container ma kienx hemm preżenti rappreżentant tas-soċjeta Carant Trading Ltd, ma jfissirx li dak li jingħad fl-*uploading report* m'għandux jitwemmen. Rapport li ġie kkonfermat minn Alex Spiteri (fol. 68). Lanqas ma ngħataw xi raġunijiet li jwasslu lill-qorti biex tqies lil Spiteri bħala xhud

mhux kredibbli. Mill-kliem riprodott mir-rapport hu evidenti li n-notament kien sempliċi dikjarazzjoni ta' dak li Spiteri ra mad-daqqa t'għajn meta nħarġet il-merkanżija mill-container.

iii. Fit-3 ta' Awissu 2006, il-merkanżija kienet ikkonsenjata lill-burdnar inkarigat minn Carant Trading Limited[1]. Fl-istess *Unloading Report* jingħad hekk: *"03.08.06 B/L 06 Carant 394 CTNS: during release we found 392 ctns only o/w 13 ctns were with different tape and found 65 pcs short and from 1ctn that was sealed but very light in weight we found 47 pieces short total of 2 ctns & 112 pcs short."*

iv. Hu veru li John Galea Cavallazzi, uffiċjal tad-Dwana, xehed li *"Mill-file ma jirriżultax li hawn xi ndikazzjoni ta' xi nuqqasijiet li seta' kien hemm fil-konsenja."* (fol. 79). Pero' dan m'huwiex rilevanti għaliex irriżulta li fir-rigward tal-merkanżija ta' Carant Trading Limited, id-Dwana ma kinitx tidħol ladarba kienet *"in free circulation."* (fol. 62).

v. Fil-*bill of lading* maħruġ mis-soċjeta` A.G.C. International S.A., il-merkanżija hi deskritta bħala *"clean on board*". Din il-klawżola tfisser: "*a bill containing an unqualified statement that the goods were shipped 'in good order and condition'* (Uniform Customs and Practice for Documentary Credits 60 (2007 edn) Art. 27)"[2]. Pero' fl-istess *bill of lading* hemm ukoll dikjarat: ***"The particulars given above as stated by the shipper and weight, measure, quantity, condition, contents and value of the Goods are unknown to the Carrier."*** Hu għalhekk evidenti li l-carrier ma vverifikax l-oġġetti li kien hemm fil-container.

vi. Li kien hemm xi ħaġa mhux normali kien diġa ġie nnotat meta nħattet il-merkanzija minn ġewwa l-container, tant hu hekk li fir-rapport jingħad li kien hemm diversi kaxxi li kienu loose u oħrajn *retaped*.

vii. Għalkemm Marthese Gatt xehedet li meta l-burdnar mar jiġbor ix-xogħol *"sab il-gate pass out kienet lesta u x-xoghol iccekjat u kellu jigbor ix-xoghol"*, dan il-fatt ma ġiex konfermat minn Christopher Abdilla[3] li ġabar ix-xogħol; *".... Sibna xi kaxxi neqsin meta konna qed ngħabbu x-xoghol. Għamilna f'dan is-sens rimarka fuq il-pass"* (fol. 45). Dokument li ġie ffirmat minnu wkoll u li fih jingħad: *"N.B Upon examination of contents we … 392 cts only out of which from 13ct that were sealed with different tape we found 65 pieces short and from 1 carton that was sealed but light in weight we found 47 pieces short. Total 2 cartons & 112 pieces short."* Minn dan id-dokument u d-deposizzjoni ta' Spiteri u Abdilla hu evidenti li vverifikaw il-merkanżija flimkien. Inoltre, ladarba Abdilla ffirma d-dokument hu evidenti li kkonferma dak li kiteb Alex Spiteri.

---

[1] Ara *delivery note* a fol. 52.

[2] op.cit. page 123

[3] Impjegat ta' SF Borg.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti hi tal-fehma li l-appellanti tat prova li fil-container kien hemm merkanżija nieqsa. Irriżulta kif apparti żewġ kaxxi neqsin instabet merkanżija nieqsa:-

i. f'kaxxa li kienet issiġġillata. Dan ifisser li l-kaxxa ma kinitx imbagħbsa u madankollu xorta nstabet merkanżija nieqsa.
ii. f'kaxxi li li kienu *retaped*. Kaxxi li Alex Spiteri kien diġa' nnota meta nħatt il-container (ara *uploading report* tal-1 ta' Awissu 2006, fol. 68).

Fil-fehma tal-qorti dawn iż-żewġ ċirkostanzi huma biżżejjed biex il-qorti tikkonkludi li l-merkanżija nieqsa, inkluża dik fiż-żewġ kaxxi li ma nstabux, ma kinitx tinsab fil-container li ġie kkonsenjat lill-appellanti. Il-qorti hi sodisfatta li l-merkanżija ma ġietx nieqsa meta l-merkanżija kienet fil-pussess tal-appellanti. Għalhekk l-appellanti qatt ma kellha tinstab responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi.

Għal dak li jikkonċerna l-konvenuti l-oħra:

i. L-atturi m'appellawx minn dik il-parti tas-sentenża li laqgħet l-eċċeżżjonijiet tal-konvenuti l-oħra;
ii. Fl-appell ta' Cassar & Cooper (S & I) Ltx m'hemm l-ebda aggravju fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenża.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tvarja s-sentenża tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tat-2 ta' Novembru 2012 fis-sens li:-**

1. **Tħassar dik il-parti fejn laqgħet it-talba tal-atturi fil-konfront tal-appellanti.**
2. **Tilqa' l-eċċezzjoni numru 1(iii) tal-appellanti u tiċħad it-talba tal-attrici fil-konfront tagħha.**

**Spejjeż taż-żewġ istanżi a karigu tal-atturi**.

Anthony Ellul.